MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2007

Talba Numru. 711/2006

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Joseph John Mercieca**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' tmien mija erbgha u erbghin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmi (LM844.34) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 6217 in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Marzu, 2005 u April, 2005.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru, 2005 dawk tal-Mandat ta' Sekwestru ipprezentat kontestwalment ma dana l-att dawk tal-ittra

ufficjali lil banek relattiva ghall-imsemmi mandat u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut lli huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax  Risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-PL Peter Sammut  fil-1l ta' Lulju,  2007 u l-fatt  li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------